# QATTIEL

Sketch f'att wiehed.

Maqlub ghal Malti minn Carmelo Galea S.D?B.

PERSONAGGI: Kummissarju - Spettur - Ragel.

XENA:

L-Ufficcju tal-Kummissarju.

(Malli tinfetah il-purtiera l-Kummissarju jinsab bil-qieghda ma' genb l-iskrivanija. Fil-bieb tan-nofs tinsab il-figura redikoluza ta' Ragel konfuz ghall-ahhar).

Kumm. (Lir-Ragel) Ghaddi...

Ragel (Javvanza xi zewg passi) Iva...

Kumm. Ghidtlek biex tghaddi l-gewwa....

Ragel (B.Q.) Iva.

Kumm. Inti x'jismek?

Ragel Staqsi l-ommi ghax jien ma nafx...

Kumm. Tiftakar x'jismu missierek?

Ragel Ghassies tal-latrina, sinjur.

Kumm. Kummissarju, jekk joghgbok...

Ragel Sur Kummissarju. Skuzi, ahfirli... Iva, mela, ghassies mal-latrina...(Dejjem aktar idjota) Missieri...missieri...

Kumm. Fhimtek, missierek... Nista' nkun naf x'jismu dan l-onorabbli ta' missierek?

Ragel Mhux onorabbli sur... Kif ghidtli li jismek?... Konfessarju?....

Kumm. Kummissarju.

Ragel Iva, kummissarju.

Kumm. Staqsejtek x'jismu missierek?...

Ragel: Missieri jizen qantar, u ommi tizen qantar u nofs(jidhaq)

Kumm. (Jghajjat) Xix-xjafek inti thawwad?! Ara li ma ddawwarlix il-boxxla?! Isem missierek irrid naf...

Ragel (Imwerwer kwazi se jaqa' fl-art!) Ma...ma...ma...ma nafx!

Kumm. Inti taf fejn inti qieghed, hux tassew?!

Ragel Mela ma nafx, quddiem il-Konfessjonarju....

Kumm. Issa ghidtli wahda tajba... Iva, inti tinsab quddiem il-Konfessur, quddiem it-tribunal suprem ta' l-akbar gustizzja! Ara li tkun preciz u tghid is-sewwa. Ftakar illi hemm fin-nofs il-hajja tieghek...(Jiehdu ghall-gharrieda) Int qtilt lil Dodu?!

Ragel (Kwazi jibki) Miskin! Kemm kien fidil, kemm kien dhuli!

Komm. Hniena wara li qtiltu?! Issa ghidli biex qtiltu?

Ragel B'daqqa ta' sieq!

Kumm. Fejn tajtielu?

Ragel Fuq il-mappa mondo!

Kumm. Tghidx kliem b'iehor...

Ragel Kelma ta' Pappi Tazzi.

Kumm. Oh! Sa fl-ahhar issa naf x'jismek: Pappi Tazzi.

Ragel Iva, niftakar Sur Konfessarju.

Kumm. Meta qtiltu?

Ragel Nhar il-Hamis.

Kumm. Mhux nhar is-Sibt?

Ragel Le Sinjur, nhar is-Sibt dfintu.

Kumm. Nhar il-Hamis rawh il-belt...

Ragel Qieghed ticcajta sur....inti tisf izjed minni?...Kien dejjem mieghi....

Kumm. Milli tidher kont tafu tajjeb?

Ragel U zgur li kont nafu, dam ghaxar snin joqghod mieghi.Imsekjen Dodu!

Kumm. Kif jista' jkun?... Huwa kien jghix fil-palazz tieghu.

Ragel Dodu qatt ma kellu palazzi.

Kumm. Inti qieghed tiggennen!

Ragel Kelma ta' Gigi Panjotta.

Kumm. Ghidli haga int kemm il-sena ghandek?

Ragel Ghandi hamsa u ghoxrin(25).

Kumm. Inti donnok trid tghaddini biz-zmien...Insomma poggi bil-qieghda. Kemm il-sena kellu Dodu?

Ragel Tliet snin, tliet xhur u tliet ijiem.

Kumm. Stupidu! Kellu erbghin sena maghluqa.

Ragel Jekk Dodu trabba f'idejja... Oh! jahassra x'ghamilt b'idejja qtilt lil Dodu! Kemm kien helu, kemm kien jifrah bija, meta kien jarani kien jibda jferfer denbu u jitla' mieghi.

Kumm. Kif inhi din, il-Baruni Dodu kien iferfer denbu?!

Ragel Il-Baruni???!!! Dodu huwa l-kelb tieghi. Kien abjad imnaqqax,

Kumm. Inti kellek kelb jismu Dodu?

Ragel U zgur, Dodu.

Kumm. Allura inti lil min qtilt?

Ragel Lil kelb tieghi. Darba fettillu jaghmel ghalija, tajtu daqqa ta' sieq u kontra qalbi hallejtu mejjet!

Kumm. Sabiha din!... Il-kelb tieghek kienjismu Dodu bhal Baruni! Mela ghandi nghidlek illi gibuk hawn bi zball. Cioe, numxu bil-mod...

Ragel U zgur, jiena lil Baruni Dodu anqas biss nafu...

Kumm. Jaqbillek... Izda ara tahseb illi inti bil-gideb tieghek ipperwadejtni illi int qtilt lil kelb u mhux lil Baruni Dodu. Intant jiena bhala Kummissarju sejjer narrestak l-istess u jekk tinsab hati hadd ma jehilsek minn ghomrok il-habs...

Ragel (Ferhan irid itir) Qieghed tghidli sewwa Sur Konfessjonarju?!...

Kumm. Is-sewwa u izjed mis-sewwa.

Ragel Ghall-inqas! Xi pjacir! Hekk inkun nista' nissistema il-ftit ahjar il-hajja mizerabbli tieghi!... Nahdmu ftit,dar u ikel frank! Liema felecita! Liema hena qed timlili l-qalbi!... Jien dejjem kont nghid: Paskwalinu hu ftit tal-pacenzja, anke ghalik ghad tasal il-fortuna. Grazzi, grazzi, sur Kummissarju. Inti taddejtli l-paci! Ma nafx kif naqbad inhallsek

Kumm. Mela ghax ma tghidx is-sewwa illi int qtiltu lil Baruni Dodu?!...

Ragel (Ferhan u jorok idejh) Iva, iva jien qtiltu.

Kumm. Nhar il-Hadd?

Ragel Iva, nhar il-Hadd.

Kumm. Bir-revorver?

Ragel Iva, bir-reborber.

Kumm. Ghall-ghira?

Ragel Iva, ghall-ghira.

Kumm. Jew biex tisirqu ?

Ragel Iva, biex nisirqu.

Kumm. Fil-hdax ta' bil-lejl?

Ragel Fil-hdax ta' bil-lejl.

Kumm. Jew fis-siegha?

Ragel Fis-siegha preciz.

Kumm. Meta?

Ragel Meta?

Kumm. Kif?!

Ragel Kif?!

Kumm. Stupidu. Qed iggalnù nhawwad kollox(Serju) Nhar il-Hadd filghaxija inti dhalt baxx-baxx fil-palazz tal-Baruni Dodu...

Ragel Iva.

Kumm. Humghad dhalt fil-kamra tieghu....

Ragel Iva.

Kumm. Sibtu rieqed?

Ragel Iva.

Kumm. U gbidtlu zewg tiri ghal qalbu?

Ragel (Ferhan) Iva! Iva!! Iva!!! Issa nista' mmur il-habs, sinjur?

Kumm. Stenna ftit. U mintix kuntent minn dan kollu qbadt is-sikkina u tajtu 33 daqqa fuq sidru u fuq zaqqu u ghamiltu trietaq?...

Ragel Iva, lil Baruni Dodu taqqabtlu zaqqu. Nista' mmur? (Ferhan ikun sejjer).

Kumm. Xxxxxxx Stenna. U ghad mintix sodisfatt minn dana kollu hanxartlu rasu bis-serrieq?

Ragel Insomma kif sejjer naqbad infhemek? Qtiltu, hekku kollox. Sur Kumm...Kummissarju, mhux qtiltu...Ghamiltu dhin, anzi ghamiltu trab!

Kumm. (Jghajjat) Sa fl-ahhar gieghltek tistqarr kollox ja assassin!! Hawn ridtek viljakk! Fl-ahhar il-gurdien halla sieqx fin-nghassa!

Ragel Il-gurdien x'ghandu x'jaqsam?...

Kumm. X'ghandu x'jaqsam ja vili?! Toqtol il-Baruni Dodu?! B'dik il-manjiera?!...

Ragel Mhux int?

Kumm. X'inhu jien?!

Ragel Xejn. Insomma meta sejjer tibghatni ghal ghomri l-habs hallinibda dik ~~xxxhajja~~ il-hajja felici?...

Spet. (Jidhol liebes pajzan) Sur Kummissarju ghadu kemm ipprezenta ruhu l-assassin li qatel lill-Baruni Dodu. Huwa stqarr kollox minn jeddu.

Ragel Mhux tassew! Mhux tassew! Huwa impossibbli Sur Kummissarju. Lill-Baruni qtiltu jiena b'dawn idejja.

Kumm. Habib Spettur. Hawnhekk jinsabu zewg assassini illi rridu ninvestigawhom.

Spet. Kif qatt jista' jkun?! Humbghad dan qatt ma jista' jkun li hu l-qattiel. Bizzejjed tharislu lejn ghajnejh, jidher li huwa idjota mill-kbar.

Ragel Jien qtiltu.

Spet. Ghamilli pjacir u ghamlinna l-wisa'.

Kumm. (Lir-ragel) Fhimta d-daqqa, ma jista' jkun qatt illi inti qtilt lill-Baruni Dodu.

Ragel Irrid insir hjara.

Kumm. Silenzju. Inti bniedem tajjeb ghal xejn. Inti trid tmur il-habs biex tasikura l-hobza ta' kulljum. Trid kerha u ikel frank. Jiddispjacinim, imma ma nistax natik ghajnuna.

Ragel Ghamel karita mieghi Sur Kummissarju. Ati ghajnuna lil dan l-iddisgrazzjat illi ili ma nahdem hames snin, norqod ghal berah, ili ma niekol gimgha shiha. Ikollok hniena...atini ...il-ghajnuna!

Kumm. Habib, inti ghandekk mitt ragun, imma jiena kif nista' narrestak u tigi kkundannat jekk inti ma qtiltx?...

Ragel Veru...veru! (Kwazi jibki) Tajjeb. (Tragikament) Ikun!! Issa minn hawn girja wahda ghad-dar ta' Cikku Bedbutu, naqbdu minn ghonqu u ndendlu mas-saqaf bhal mazzita, humbghad nisplhu, nifthu minn zaqqu bhal majjal u nerga nhitu, nidfnu; humbghad nistenna lill-mara tieghu tigi, lill-ommu, lill-missieru, lill-hutu u naqlghalhom ghajnejhom, naqtalhom saqajhom u fl-ahhar rashom. U allura, Sur Kummissarju meta intom tigi u taraw: sieq wahda hemm, id fuq il-mejda, ras fil-kantina, par ghajnejn ~~gaxxkaaxtixx~~ gol-qasrija, insomma gudizzju universali!!!! Allura, allura... stennewni, Sur Kummissarju. Dalwaqt tarawni mill-gdid quddiemkom. Pero, bil-patt, li tistuni ghall-ghomri fil- habs, fthemna?...

Kumm. Naraw, naraw. Inti mur ghamel dak li ghandek taghmel. Fil-habs hemm post ghal kellhadd. Igri ghax ghandek il-hila ma tilhqux.

(Taghlaq il-Purtiera)

TMIEM TA' L-ISKETCH